# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru 2019**

**Numru 17**

**Rikors numru 981/2013 JZM**
**fl-atti tal-ittra ġudizzjarja numru 2784/2013**

**Joseph Mamo**

***v.***

**Joseph Zammit**

1. Dan huwa appell ta' Joseph Zammit minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2014 li bih dik il-qorti ċaħdet talba tiegħu magħmula taħt il-*proviso* għall-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjali.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: b'ittra ġudizzjarja magħmula għall-għan-ijiet tal-art. 256(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili Joseph Mamo ["il-kreditur] sejjaħ lil Joseph Zammit ["id-debitur"] biex

iħallas tliet kambjali. B'rikors tal-14 ta' Ottubru 2013 magħmul taħt il-*proviso* għall-art. 253(*e*) id-debitur talab is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali għal raġunijiet li fissirhom hekk:

> »1. Preliminarjament illi l-kambjali huma nulli u bla ebda effett legali *stante* illi huma lkoll maħruġa liri Maltin denominazzjoni li ilha li waqfet l-eżistenza tagħha għal diversi snin u dana billi l-kambjalijiet kollha kemm huma kienu datati 23 ta` Ottubru 2011 snin wara illi l-lira Maltija ma baqgħetx teżisti izjed;
>
> »2. Illi *inoltre*, u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu (1) *supra*, l-esponenti jissottometti illi għal dak li għandu jirrigwarda l-karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni BBA 446 vettura tat-tip *Mercedes* tas-snin sittin l-ebda ammont mhu dovut mill-esponenti lill-interpellant billi din il-vettura qatt ma ġiet ikkonsenjata lill-esponenti;
>
> »3. Illi *inoltre* u mingħajr preġudizzju għal dak kontenut fiż-żewġ paragrafi preċedenti l-istess jingħad għall-kambjala ta' Lm1,100 rigwardanti l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBE 013 tal-għamla *Triumph 13/60* ukoll taż-żmien sittinijiet jew l-ewwel snin tas-sebgħinijiet, l-ebda ammont mhu dovut mill-esponenti lill-interpellant billi din il-vettura qatt ma ġiet ikkonsenjata lill-esponenti'
>
> »4. Illi *inoltre* u mingħajr preġudizzju għal dak kontenut fit-tliet paragrafi preċedenti l-kambjala rigwardanti l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni VOD24LC tat-tip *Mitsubishi Pajero* u liema kambjala hija għas-somma ta' Lm3,500 din is-somma ilha li ġiet imħallsa kollha kemm hi mill-esponenti lill-interpellant … … …«

3. Bil-provvediment tal-15 ta' Lulju 2014 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti ċaħdet it-talba tad-debitur għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »It-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tat-tliet kambjali in kwistjoni saret minn Joseph Zammit ("ir-rikorrent") għaliex – skond hu – hemm ragunijiet gravi u validi għaliex għandha tkun akkordata s-sospensjoni.
>
> »Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jirreferi għall-kwistjonijiet li dritt li ressaq Joseph Mamo ("l-intimat") fir-risposta tiegħu sabiex ma jkunx hemm sospensjoni.
>
> »Dwar ir-riferenza li għamel l-intimat għall-art. 123 tal-Kap. 13, u *cioè* illi l-valur jew somma stipulata fuq kambjala tista' tkun ta' kwalunkwe munita jew *legal tender*, basta li l-partijiet jifhmu dak li bih huma qegħdin jikkuntrattaw, ir-rikorrent jikkontendi r-riferenza tal-intimat hija bla bażi.
>
> »Jirreferi għall-art. 128(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jgħid –
>
>> »"Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti ta' flus tal-euro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti tal-flus. Il-karti tal-flus li jinhargu mill-Bank Ċentrali Ewropew u

> mill-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-uniċi karti tal-flus bi *status* ta' valuta legali fl-Unjoni."

»Skond l-istess Zammit, l-art. 9 tar-Regolament tal-UE Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 li kien jittratta l-introduzzjoni tal-euro jgħid :-

> »"Banknotes and coins denominated in a national currency unit shall retain their status as legal tender within their territorial limits as from the day before the euro adoption date in the participating Member State concerned."

»Bl-istess mod skond dak ir-Regolament strumenti legali oħra ta' ħlas ma jibqagħlhom l-ebda effett wara l-introduzzjoni tal-euro. Id-definizzjoni ta' "*legal instruments*" hija –

> »"legislative and statutory provisions, acts of administration, judicial decisions, contracts, unilateral legal aċts, payment instruments other than banknotes and coins, and other instruments with legal effect"

»*Inoltre* l-art. 14 tar-Regolament igħid illi –

> »"Where, in legal instruments existing on the day before the cash changeover date, reference is made to the national currency units, these references shall be read as references to the euro unit according to the respective conversion rates."

»Għalhekk skond Zammit, dawk l-istrumenti legali ta' ħlas, bħal ma hija kambjala, li kienu stipulati bil-munita nazzjonali, huma validi biss jekk dawn kienu jeżistu qabel il-ġurnata tal-introduzzjoni tal-munita euro. Dan issib sostenn anke fil-art. 6(2) tal-Avviz Legali 441 tal-2007:-

> »"Meta f'xi strumenti legali li jkunu jeżistu fi tmiem il-perjodu ta' ċirkolazzjoni taż-żewġ muniti ssir referenza għal-Lira Maltija, dawk ir-referenzi għandhom jinqraw u jiftehmu bħala referenza għall-euro skond ir-rata ta' konverżjoni li tkun tapplika."

»L-euro kienet introdotta f'dawn il-Gżejjer b'effett mill-1 ta' Jannar 2008. Fil-każ ta' Malta, ma kienx hemm tneħħija gradwali tal-munita Maltija; li kien hemm kien permess mill-UE li Malta tibqa' tuża l-Lira Maltija sal-31 ta' Jannar 2008.

»Skond Zammit, il-kambjali in kwistjoni saru f'Ottubru 2011 u allura wara li l-euro kien sar il-valuta legali tal-pajjiż. Għalhekk il-kambjali mhux biss huma irregolari, iżda huma vizzjati b'illegalità – kawża illeċita – u dan anke fid-dawl illi "leġislazzjoni ta' natura fiskali hi minnha nnifisha ta' ordni pubbliku in kwantu hu preżunt li saret fl-interess komuni" (<u>Perit Raymond Vassallo *v.* Anthony Cushcieri *et*</u> deċiza mill-Qorti tal-Appell fil-14 ta' Novembru 1996). *Inoltre ex lege* l-ligi tal-UE, b'mod speċjali it-Trattati u r-Regolamenti, jissuperaw kwalunkwe liġi domestika. Skond Zammit, li kieku kellu jkun permess negozju bi kwalunkwe munita, speċjalment dawk ineżistenti, l-integrità tas-Suq Komuni Ewropew kien jisfuma fix-xejn.

»Dwar il-mertu tal-kambjali, ir-rikorrent isostni li l-vetturi BBA 446 u JBE 013 ma ġewx konsenjati. Igħid illi huwa konxju li fil-biċċa l-kbira tagħha, il-gurisprudenza tal-qrati tagħna tgħid illi l-kambjali jassumu dimensjoni awtonoma fis-sens li jagħtu lok għal obbligazzjoni *de novo*, u li l-kambjali jistgħu jigu opposti minħabba xi difett materjali fuq id-dokument innifsu. Skond Zammit però dak ma jfissirx illi kull persuna li tipprometti li tħallas permezz ta' kambjala jew *promissory note*

m'għandha l-ebda jedd li tqajjem eċċezzjonijiet personali għaliha rigwardanti l-kambjala.

»Jirreferi għall-art. 198 tal-Kap 13 li jaqra hekk :-

> »"(1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.
>
> »"(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jiħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."

»Jirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti (PA/TM) tat-18 ta' Frar 2004 fil-kawza <u>*Bank of Valletta plc v.* Carmel Ray Micallef</u>.

»Zammit jgħid li skond il-liġi tagħna l-konsenja ta' vettura ma tistax issir ħlief bi *transfer* relattiv. Għalhekk iġib l-argument illi kontraent ma jistax, tenut kont tal-fatti ta' dan il-każ, jenforza d-drittijiet tiegħu ta' ħlas jekk huwa jkun għadu inadempjenti fl-obbligazzjonijiet tiegħu – fosthom il-konsenja tal-vettura mibjugħa. Skond ir-rikorrent, dan id-dmir ta' investigazzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali jieħu mansjoni aktar gravi, ladarba jirriżulta li huwa kien ħallas għal waħda mill-vetturi u kwindi bl-esekuzzjoni tal-kambjala relattiva se jispiċċa jitħallas [*recte*, iħallas] darbtejn.

»Għalhekk Zammit jikkontendi li jirriżultaw *prima facie* raġunijiet serji u gravi sabiex ikun hemm s-sospensjoni tal-esekuzzjoni.

»Konsiderazzjonijiet

»Fil-każ tal-lum, jirriżulta li bin-notifika lir-rikorrent ta' l-ittra uffiċjali tas-26 ta' Settembru 2013 l-intimat irrenda esegwibbli favur tiegħu u kontra r-rikorrent l-import ta' tliet kambjali li mmaturaw, u li kienu ffirmati u aċċettati mir-rikorrent. Skond il-prattika kostanti tal-qrati tagħna, għandu jigi ordnat il-ħlas tal-kambjali. … … … [I]għid l-art. 198(2) tal-Kap. 13 … illi jekk ikun hemm eċċezzjonijiet kontra l-ħlas tal-import ta' kambjali, u dawk l-eċċezzjonijiet ikunu jiħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma. Din id-disposizzjoni għadha fis-seħħ minkejja dak illi jgħid il-*proviso* tal-art. 253(*e*) tal-Kap. 12 u għalhekk il-qorti għandha tagħtiha il-qies dovut meta tkun sejra tagħti provvediment skond il-*proviso* tal-art. 253(*e*) tal-Kap 12.

»Skond l-art. 199 tal-Kap. 13, ma tistax issir opposizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur. Dan premess, skond il-ġurisprudenza, il-qorti għandha tinvestiga eċċezzjonijiet li jolqtu l-eżistenza stess tal-kambjala. … … …

»Billi fit-talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-kambjali qiegħda tiġi kontestata l-validità tal-kambjali, apparti konsiderazzjonijiet oħra, il-qorti sejra, għall-fini tal-provvediment tal-lum, tibda billi tistħarreġ l-pretensjoni ta' nullità sollevata mir-rikorrent fil-paragrafu markat 1 tar-rikors.

»Il-qorti tirreferi għall-art. 116 tal-Kap. 13 li jaqra hekk:-

> »"Meta l-flus imsemmijin f'kuntratt m'għandhomx kors legali f'Malta u ma jkunx ġie msemmi l-kambju tagħhom, il-ħlas jista' jsir

> bil-flus tal-pajjiż skont kif ikun miexi l-kambju *a vista*, dak in-nhar li jagħlaq il-ħlas, u fil-lok miftiehem għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u, jekk f'dak il-lok ma jkunx hemm kors tal-kambju, skont ir-rata tal-kambju tas-suq l-aktar fil-qrib, kemm-il darba fil-kuntratt ma jkunx hemm il-klawsola "*in effettivi*" jew xi oħra bħalha."

»Tirreferi wkoll għall-art. 123 tal-Kap. 13 li jgħid:-

> »"Il-kambjala għandu jkun fiha d-data, il-lok fejn tiġi miġbuda, is-somma li għandha titħallas, l-isem ta' dak li għandu jħallas, u l-isem ta' dak li lilu jew għall-ordni tiegħu għandu jsir il-ħlas, iż-żmien u l-lok tal-ħlas, u l-valur mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont, jew f'kull mod ieħor, u għandha tkun iffirmata minn min jiġbidha."

»Tirreferi wkoll għall-art. 183 tal-Kap 13 li jaqra hekk:-

> »"Il-kambjala għandha titħallas bix-xorta ta' flus imsemmija fiha. Iżda, jekk ix-xorta ta' flus imsemmija fil-kambjala hija immaġinarja jew m'għandhiex kors legali fil-lok li fih għandu jsir il-ħlas, u fil-kambjala ma jkunx hemm imsemmi l-valur ta' dik ix-xorta ta' flus, il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali fil-lok tal-ħlas, f'somma li taqbel mal-valur tal-flus imsemmija fil-kambjala fiż-żmien li din tagħlaq, kemm-il darba t-traent, bl-użu tal-klawsola "*in effettivi*" jew ta' klawsola oħra bħalha, ma jkunx wera r-rieda li l-ħlas isir fix-xorta ta' flus minnu msemmija, basta li din ix-xorta ta' flus ma »tkunx immaġinarja."

»… … …

»Riferibbilment għall-paragrafu markat 1 tar-rikors, il-qorti hija tal-fehma illi d-disposizzjonijiet tal-Kap. 13, il-mod kif gew applikati fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħha, u l-mod kif kienu mfissra fid-dottrina, għadhom igħoddu u ma għandhomx jitwarrbu, lanqas fis-sitwazzjoni indikata mir-rikorrent, *nonostante* r-riferenza tar-rikorrent għad-disposizzjonijiet tat-Trattat tal-UE u tar-Regolament 974/98 tal-UE. Fil-każ tal-lum, il-qorti tgħid illi għalkemm fil-kambjali s-somma li kellha titħallas kienet indikata f'Liri Maltin, meta fid-data tal-ħruġ u fid-data tal-iskadenza tal-kambjali l-Lira Maltija ma kenitx għadha *legal tender* ġo Malta, għax fl-1 ta' Mejju 2008 il-valuta ta' Malta sar l-euro, dak il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kambjali. Skond l-art. 123 tal-Kap. 13, il-valur tal-kambjala għandu jkun mogħti fi flus, f'merkanzija, f'kont jew f'kull mod ieħor. Fil-każ tal-lum, il-partijiet qablu li fil-kambjali jagħtu valur f'Liri Maltin. … … …

»Dan apparti, il-qorti ma tara propju l-ebda konflitt bejn id-disposizzjoni tal-Kap. 13 u r-Regolament tal-UE ċitat mir-rikorrent. Huwa evidenti illi bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 13 se jkun rispettat dak li ried jikseb ir-Regolament tal-UE. Dak li qegħdin iwasslu għalih id-disposizzjonijiet tal-Kap 13 huwa li l-ħlas tal-kambjala jsir fil-munita li tkun *legal tender at maturity*. Dak li jrid jikseb ir-Regolament huwa li kwalsiasi ħlas isir bil-munita li tkun *legal tender*. B'hekk tkun skansata inċertezza u instabilità finanzjarja fil-pajjiżi membri tal-UE li mhux kollha għandhom l-euro bħala l-munita tagħhom. Mhuwiex korrett ir-rikorrent meta jażżarda jafferma li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 13 jikkontrastaw mat-Trattat tal-UE u mar-Regolament tal-UE minnu ċitat. Id-disposizzjonijiet tal-Kap. 13 u tar-Regolament tal-UE huma intiżi li jiksbu għan aħħari u *cioè* li finalment *at maturity* il-kambjala titħallas fil-munita li tkun *legal tender*, hija x'inhi l-munita li kienet indikata fil-kambjala. Anke għalhekk il-qorti tgħid li l-kambjali mhumiex nulli.

Interpretazzjoni xort'oħra tkun tfisser distorsjoni ta' dak li jridu jiksbu r-Regolamenti tal-UE. Minn interpretazzjoni legalistika, riġida u maqtugħa mar-realtà ta' kuljum tar-Regolament m'għandux jibbenefika min jittenta jevadi mill-obbligi tiegħu fil-kuntest tal-kambjali – huma x'inuma l-lanjanzi kontrattwali li ppreċedew jew segwew il-ħruġ tal-kambjali.

»Il-qorti qiegħda għalhekk tirrespinġi dak li qed jingħad mir-rikorrent fil-paragrafu markat 1 tar-rikors.

»Il-qorti sejra tgħaddi issa għall-konsiderazzjoni tal-lanjanzi l-oħra tar-rikorrent skond il-paragrafi markati 2, 3 u 4 tar-rikors.

»Kif ifisser ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, dawn il-lanjanzi partikolari jirrigwardaw allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-intimat; apparti li fil-każ ta' kambjala minnhom isostni li ħlas diġà sar.

»Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent, il-qorti f'dan l-istadju m'għandhiex tinvestiga dawn it-tip ta' lanjanzi. … … …

»… … …

»Provvediment

»Għar-raġunijiet kollha premessi, il-qorti qiegħda tirrespinġi bħala infondata, fl-ambitu tal-art. 253(*e*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-opposizzjoni tar-rikorrent għall-esekuzzjoni tal-kambjali in kwistjoni, u għalhekk qiegħda tiddikjara illi m'għandux ikun [hemm] sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istess kambjali. Jibqa' impreġudikat id-dritt tar-rikorrent li permezz ta' azzjoni *ad hoc* jitlob rimedju għal dak li qiegħed jallega fil-paragrafi 2 sa 4 tar-rikors. L-ispejjeż kollha tal-proċediment tal-lum jitħallsu mir-rikorrent Joseph Zammit.«

4. Id-debitur appella b'rikors tad-29 ta' Lulju 2014, li għalih il-kreditur wieġeb fl-1 ta' Awissu 2014.

5. L-ewwel aggravju tal-appell jolqot dik il-parti tas-sentenza li tgħid illi l-fatt li l-munita li tissemma fil-kambjali hija l-lira ta' Malta fi żmien wara li l-lira ma baqgħetx valuta legali f'Malta ma jwassalx għan-nullità tal-kambjali. L-appellant igħid illi:

   »… dan il-fatt waħdu huwa raġuni "gravi u validu" għas-sospensjoni tal-kambjali *de quo* u dan għaliex id-dokument esebit bħala kambjali ġuridikament ma jikkwalifikax bħala tali.«

6. Ikompli jsejjes l-argument tiegħu fuq id-disposizzjonijiet tal-art. 128(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [*recte*, Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea], l-artt. 9 u 14 tar-Regolament (KE) nru 974/1998

kif emendat bir-Regolament (KE) mru 2169/2005, u r-reg. 6(2) tal-A.L. 441/2007:

> »Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
>
> »Artikolu 128
>
> »1. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti ta' flus tal-euro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħorġu dawn il-karti tal-flus. Il-karti tal-flus li jinħarġu mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-uniċi karti tal-flus bi status ta' valuta legali fl-Unjoni.
>
> »Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98
> tat-3 Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro
> (kif emendat)
>
> »Artikolu 9
>
> »Karti ta' flus u muniti denominati fl-unità tal-munita nazzjonali għand-hom iżommu l-istatus tagħhom bħala muniti legali ġewwa l-limiti territorjali tagħhom kif ikunu fil-jum ta' qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.
>
> »Artikolu 14
>
> »Fejn fi strumenti legali li jkunu jeżistu fit-tmiem tal-perjodu transitorju issir riferenza għall-unitajiet tal-munita nazzjonali, dawn ir-riferenzi għandhom jitqiesu bħala riferenzi għall-unità tal-euro skond ir-rati ta' konverżjoni rispettivi. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-ittundjar pre-skritti fir-Regolament (KE) Nru 1103/97.
>
> »Regolamenti tal-2007 dwar il-Bidla ta' Flus Kontanti
>
> »A.L. 441/2007
>
> »6. (2) Meta f'xi instrumenti legali li jkunu jeżistu fi tmiem il-perjodu ta' ċirkolazzjoni taż-żewġ muniti ssir referenza għal-Lira Maltija, dawk ir-referenzi għandhom jinqraw u jiftehmu bħala referenza għall-euro skond ir-rata ta' konverżjoni li tkun tapplika.«

7. L-argument tal-appellant huwa illi, ladarba dawn id-disposizzjonijiet isalvaw strumenti magħmula qabel id-data tal-bidla mil-lira għall-euro, *a contrario sensu* ma jsalvawx strumenti magħmula wara dik id-data, bħal ma kienu l-kambjali li tagħhom il-kreditur qiegħed jitlob esekuzz-joni.

8. L-art. 128 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-art. 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 jirregolaw karti ta' flus u

muniti, u mhux strumenti bħal ma huma l-kambjali. L-art. 14 tal-istess Regolament u r-reg. 2 tal-A.L. 441/2007 jirregolaw strumenti legali bħal ma huma l-kambjali, iżda dawk id-disposizzjonijiet huma maħsuba mhux biex isalvaw il-validità ta' dawk l-istrumenti iżda biex jirregolaw kif isir il-kambju meta, fuq strumenti magħmula qabel id-data tal-bdil tal-munita, il-valur ikun indikat bil-munita l-qadima. Dan ma jfissirx li strumenti magħmula wara u li fuqhom il-valur huwa indikat b'munita li ma għandhiex valuta legali – bħal ma hija llum il-lira ta' Malta jew xi munita barranija bħal ma huwa l-frank tal-Isvizzera jew l-isterlina tar-Renju Unit – ma jiswewx. Li trid il-liġi hu illi l-ħlas f'Malta jsir bil-munita li għandha valuta legali f'Malta, illum l-euro, ukoll jekk il-valur ikun muri f'munita oħra.

9. Il-każ tallum għahekk huwa regolat bl-art. 183 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, li huwa komplementari għad-disposizzjonijiet miġjuba fuq u mhux kontradittorju għalihom:

> »**183.** Il-kambjala għandha titħallas bix-xorta ta' flus imsemmija fiha. Iżda, jekk ix-xorta ta' flus imsemmija fil-kambjala … m'għandhiex kors legali fil-lok li fih għandu jsir il-ħlas, u fil-kambjala ma jkunx hemm imsemmi l-valur ta' dik ix-xorta ta' flus, il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali fil-lok tal-ħlas, f'somma li taqbel mal-valur tal-flus imsemmija fil-kambjala fiż-żmien li din tagħlaq … … …«

10. Fil-każ tallum fuq il-kambjali tissemma l-lira ta' Malta, li llum ma għandhiex kors legali f'Malta; għalhekk il-ħlas isir bil-flus li għandhom kors legali f'Malta, illum l-euro, skond ir-rata ta' kambju ta' lira ta' Malta f'euro.

11. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

12. It-tieni aggravju jolqot dik il-parti tas-sentenza li ma qisitx l-eċċezzjonijiet ta' inadempiment u ta' ħlas għax dehrilha illi dawk l-eċċezzjonijiet jeħtieġu eżami fit-tul kif igħid l-art. 198 tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

> »**198.** (1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.
>
> »(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jiħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, ma għandhiex tkun imdewma.«

13. Il-kwistjoni ma hijiex jekk dawk l-eċċezzjonijiet jistgħux jitressqu, sakemm il-kambjala għadha fil-fażi "kuntrattwali" bħal fil-każ tallum, iżda jekk dawk l-eċċezzjonijiet jeħtiġux kawża għalihom għax ma jistgħux "jinqatgħu malajr" u jeħtieġu "eżami fit-tul". Il-kwistjoni għalhekk hija jekk l-eċċezzjonijiet tassew jeħtiġux eżami fit-tul.

14. Ċertament l-eċċezzjoni ta' ħlas ma hijiex waħda li teħtieġ eżami fit-tul, aktar u aktar jekk id-debitur għandu riċevuta. Ukoll jekk ma għandux riċevuta (u, jekk għandu, naqas jekk ma ippreżentahietx flimkien mar-rikors) kull ma hu meħtieġ hu li jinstemgħu l-partijiet u x-xhieda tal-ħlas, jekk kien hemm, u ġudizzju dwar kredibilità: mhix ħaġa li teħtieġ eżami fit-tul. Il-fatt li jkollhom jinstemgħu xhieda ma jfissirx dejjem u bilfors li l-kwistjoni ma tistax tinqata' malajr għax teħtieġ eżami fit-tul.

15. L-eċċezzjoni ta' inadempiment tista', skond in-natura tal-inadempiment allegat, tkun teħtieġ jew ma teħtieġx eżami fit-tul. Fil-każ tallum l-inadempiment allegat huwa sempliċi: saret jew ma saritx kunsinna? Kien ikun differenti li kieku saret allegazzjoni ta' kunsinna ta' ħaġa

difettuża jew li ma għandhiex il-kwalitajiet meħtieġa, u tkun teħtieġ perizja teknika biex dan jiġi determinat. Fil-każ tallum iżda kull ma hu meħtieġ hu xiehda dwar jekk saret jew ma saritx il-kunsinna: jekk il-kunsinna saret l-eċċezzjoni taqa'; jekk ma saritx, tintlaqa'.

16. Dan l-aggravju għalhekk għandu jintlaqa', mhux fis-sens illi jintlaqa' r-rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni iżda billi l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex din tqis ir-raġunijiet imressqa mid-debitur fil-paragrafu 2, 3 u 4 tar-rikors u mbagħad tiddeċiedi dwar it-talba għas-sospensjoni.

17. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm